**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 237/2009**

**Illum: 10 ta' Marzu, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Antoine Galea**
**(ID 32278(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Antoine Galea ta' 30 sena, bin il-mejjet Carmel u Emanuela nee` Gialanze, imwieled il-Pieta` fit-22 ta' Dicembru 1977 residenti gewwa 21, Floyd, Triq il-Bhajra, Zejtun u detentur ta' numru tal-karta tal-identita` 32278(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Jannar 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjana *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi prodotti sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jikkonsistu fis-segwenti:

Il-Prosekuzzjoni esebiet il-process verbal tal-inkjesta li saret dwar il-kaz.[1] Jirrizulta mir-rapport tal-Ispettur Nadia Lanzon, datat 20 ta' Jannar 2006, illi dakinhar stess ghall-habta tal-10.30 a.m., il-pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu sejba ta' ammont ta' droga suspettata raza tal-*cannabis* gewwa dghajsa f'ghalqa fiz-Zejtun. Dejjem skont l-istess rapport, din id-dghajsa kienet registrata f'isem l-imputat odjern. Ir-rapport jghid ukoll illi waqt l-osservazzjoni taghha, il-pulizija innotat persuna hierga mir-residenza tal-istess imputat u cioe` mill-fond 'Kristu Re', Triq il-Qadi, Zejtun, liema persuna marret fl-inhawi tad-dghajsa. Allegatament, dan sehh ftit tal-hin wara li Antoine Galea, l-imputat odjern, gie arrestat mill-pulizija fuq suspett ta' traffikar ta' droga. Ukoll skont l-istess rapport, il-persuna li allegatament hbiet id-droga kien Silvio Galea (ID 166476(M)), hu l-imputat odjern. Il-Qorti tinnota illi fit-titolu tal-istess rapport, hemm indikata d-data tal-istess sejba bhala l-21 ta' Jannar 2006.[2]

[1] Dan jinsab esebit a fol. 10 tal-process.
[2] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 13 tal-process verbal.

A bazi ta' dan ir-rapport, il-Magistrat Inkwirenti hatar diversi esperti ossia lill-Ispizjar Mario Mifsud, bhala espert forensiku sabiex jezamina l-allegata droga, lil PC 36 Sergio Azzopardi u PC 186 Chris Mintoff bhala *Scene of the Crime Officers* u lil PS 1374 Edgar Ellul bhala espert tal-impronti digitali.

Xehed is-Supretendent Norbert Ciappara li pprezenta *evidence bag* li kienet tikkontjeni *mobile phone,* flus u affarijiet ohrajn li gew elevati waqt l-investigazzjoni li l-Ispettur Nadia Lanzon (fiz-zmien tal-proceduri ex-Spettur) kienet qeghda taghmel fil-konfront ta' l-imputat odjern. Jghid illi dawn gew mghoddija lilu mill-ex Assistent Kummissarju Paul Debattista meta huwa nghata r-responsabilita` biex ikompli l-kaz wara l-investigazzjoni li kienet saret.[3] F'seduta sussegwenti, huwa esebixxa wkoll *video cassette*, wkoll mghoddi lilu mill-ex Assistent Kummissarju Paul Debattista u li skont hu, kien juri l-osservazzjoni li xehed fuqha l-pulizija f'dawn il-proceduri.[4] Fil-mori tal-proceduri il-Qorti hatret lil David Scicluna sabiex jaqleb dan il-*video* fuq DVD, liema DVD gie ipprezentat mill-istess Scicluna u jinsab esebit a fol. 53 tal-process.

Xehdet ukoll l-ex Spettur Nadia Lanzon, li qalet illi wara li saru diversi rapporti fl-Ghassa taz-Zejtun u anke lill-Iskwadra kontra d-Droga fis-sens illi kien qieghed isir traffikar ta' droga cannabis minn residenza gewwa z-Zejtun, bil-persuna indikata bhala certu Anthony Galea, saret osservazzjoni u nstabet xi droga u anke flus. Tghid illi kien l-20 ta' Jannar. Ix-xhud tghid illi l-investigazzjoni kienet twila, li ghalkemm il-kaz kienet tiftakru, ma kinitx tiftakar id-dettalji kollha u ghalhekk irreferiet ghar-rapport li kienet ghamlet hija stess. Tghid illi kienet taf x'fih ir-rapport, li kien hemm persuni li kienu gew arrestati, li kien hemm xi persuni li kkonfermaw li xtraw id-droga minghand l-imputat u kkonfermaw l-istqarrija taghhom bil-gurament, li nstabet droga mohbija f'dghajsa li rrizulta li kienet tal-familja tal-imputat u li kienu nstabu ammonti ta' flus sostanzjali. Tghid illi d-dettalji kollha kienu mnizzla fir-rapport, liema rapport gie esebit fl-atti.[5]

Dan ir-rapport effettivament jirreferi ghall-investigazzjoni u l-osservazzjoni li sehhet fl-20 ta' Jannar 2007 (skont dan ir-rapport).

Xehed PS 1355 Cleon Purshouse illi spjega li fl-20 ta' Jannar 2006, fuq struzzjonijiet tal-ex Spettur Nadia Lanzon, huwa kien ghamel osservazzjoni gewwa z-Zejtun fuq residenza 'Kristu Re', Triq il-Qadi, Zejtun. Beda l-osservazzjoni mis-7.00 a.m. u ghall-habta tat-8.30 a.m., waslet persuna b'karozza Maruti hadra,

---

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 11 tal-process.
[4] Ara x-xhieda a fol. 35 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-ex Spettur Nadia Lanzon, a fol. 13 sa 15 tal-process.

dahlet gewwa u xi disa' minuti wara regghet harget. Ftit wara hareg mid-dar l-imputat odjern. Ix-xhud jghid illi dan rikeb gewwa Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni FAI 057 u saq. Sussegwentement, ix-xhud ta struzzjonijiet lill-kollegi tieghu, li kienu qeghdin *stand by*, biex ifittxu lill-imputat, li mbaghad instab gewwa l-*Brooklyn Bar* fiz-Zejtun u gie arrestat ma' xi persuni ohrajn. Jghid ukoll illi ftit tal-hin wara li huwa gie nfurmat li l-imputat kien gie arrestat u waqt li huwa kien ghadu qed jaghmel osservazzjonijiet fuq l-istess dar, huwa nnota zewg persuni jigru lejn id-dar, guvni u tfajla, li dahlu fid-dar. Ftit wara t-tfajla harget mid-dar u f'idejha kellha borza bajda tal-plastik. Ftit wara hareg il-guvni, li deher li kellu xi haga fil-gakketta u kien qieghed izommha. Skont ix-xhud, kien qed izomm idejh fil-but tal-gakketta. Dawn qasmu t-triq, izda ghalkemm kien jaf f'liema direzzjoni marru, ma setax jarahom izjed. Ftit wara huwa sejjah lill-kollegi tieghu, dawn waslu fuq il-post, u huwa tahom struzzjonijiet sabiex jaqsmu t-triq u jmorru fl-akkwata fid-direzzjoni ta' fejn kienu qasmu dawn iz-zewg persuni. F'din l-*area* kien hemm xi dghajsa u saret tfittxija hemmhekk. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi dakinhar huwa kien ra lill-imputat l-ewwel darba, wara li kienet urietu xi ritratti tieghu l-ex Spettur Lanzon. Jghid illi x'hin huwa ra lill-imputat hiereg mid-dar, huwa ma rah jaghmel xejn suspettuz. Jghid ukoll illi ghalkemm jaf li l-kollegi tieghu arrestaw lill-imputat gewwa l-*Brooklyn Bar*, iz-Zejtun, huwa ma kienx prezenti dak il-hin u ghalhekk ma setax jghid x'gara hemmhekk.[6]

Xehed PS 186 Kristian Mintoff li kkonferma r-relazzjoni tieghu li saret b'mod kongunt ma' PS 36 Sergio Azzopardi. Jghid illi huma kienu marru gewwa Triq il-Qadi, iz-Zejtun fejn hemmhekk kienu ghamlu xi xogholijiet fuq bicca tal-bahar bin-numru ta' registrazzjoni S8619. Huwa gibed 32 ritratt.[7] Ir-relazzjoni tirreferi ghas-sejba li saret nhar l-20 ta' Jannar 2006 u skont l-istess iz-zewg *Scene of the Crime Officers* accedew fuq il-post ghall-habta tal-10.00 a.m. L-istess relazzjoni telenka wkoll id-dokumenti elevati minn PS 36 Sergio Azzopardi, liema dokumenti jinsabu mmarkati bhala Dokumenti 06AFU201 u 06AFU201A sa E u gew mghoddija lill-Ispizjar Mario Mifsud dakinhar stess tal-20 ta' Jannar 2006. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, PS 36 Sergio Azzopardi wkoll ikkonferma din ir-relazzjoni.[8]

Xehed l-Ispizjar Mario Mifsud li rrefera ghall-konkluzjonijiet tieghu fir-relazzjoni redatta minnu.[9] Skont ir-relazzjoni tal-istess espert, esebita fl-atti tal-process

---

6 Ara din ix-xhieda a fol. 22 sa 26 tal-process.
7 Ara din ix-xhieda a fol. 29 sa 30 tal-process. Ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 16 tal-process verbal u r-ritratti in kwistjoni jinsabu esebiti a fol. 23 tal-istess.
8 Ara x-xhieda tieghu a fol. 47 sa 48 tal-process.
9 A fol. 20 u 21 tal-process u a fol. 49 u 50 tal-process.

verbal dwar dan il-kaz[10], nhar l-20 ta' Jannar 2006 huwa gie moghti dokument minn PS 36 Sergio Azzopardi, *Scene of the Crime Officer.*[11] Dan id-dokument kien jikkonsisti fis-segwenti:

Borza tal-plastik trasparenti bin-numru 801870 li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Description Bott kontenenti diversi oggetti suspettata droga u oggetti relatati, Time/Date Seized/Produced 20.01.2006, Where Seized/Produced Speed boat no. S 8619 at Triq il-Qadi Zejtun, Seized/Produced by PS 36 Sergio Azzopardi Major Incident Exhibit No. 06 AFU 201, 201A-E, Laboratory Ref. FS 060151". F'din il-borza kien hemm bott tal-metall li fuqu kien hemm il-kelma, fost ohrajn, ta' "Regilait" li go fih kien hemm:

i. Zewg pakketti celesti ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka "Rizla" – dawn inghataw l-kodici tal-laboratorju 823/06/01a;

ii. Borza zghira tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm tnejn u sittin borza zghira tal-plastik trasparenti – din inghatat l-kodici tal-laboratorju 823/06/01b;

iii. Bott tal-plastik iswed li go fih kien hemm zewg bicciet blokki zghar ta' sustanza kannella – dan inghata l-kodici tal-laboratorju 823/06/01c;

iv. Erba' bicciet blokki zghar ta' sustanza kannella – dawn inghataw l-kodici tal-laboratorju 823/06/01d;

v. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm hdax-il bicca *foil* u hdax il-bicca blokka ta' sustanza kannella – din inghatat il-kodici tal-laboratorju 823/06/01e;

vi. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm bicca *foil* li go fiha kien hemm bicca blokka zghira ta' sustanza kannella u tlettax-il bicca blokka ta' sustanza kannella – din inghatat il-kodici tal-laboratorju 823/06/01f.

[10] Ara a fol. 34 sa 96 tal-process verbal.

[11] Flimkien mar-relazzjoni hemm esebita wkoll is-*submission form* relattiva mmarkata bhala Dok. MM1 (a fol. 40 u 41 tal-process verbal) li wkoll tirreferi ghad-data tal-20 ta' Jannar 2006 bhala d-data li fiha l-oggetti hemmhekk elenkati ghaddew minghand PS 36 Sergio Azzopardi lill-Ispizjar Mario Mifsud.

L-espert forensiku kkonkluda illi l-wiehed u tletin (31) bicca ta' blokki zghar li kien hemm fid-dokument 823/06/01, f'ammont nett totali ta' 114.075 grammi, instabu li kienu raza tal-pjanta tal-*cannabis.* F'dawn il-blokki ta' sustanza kannella nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (*THC*) f'medja ta' cirka 8.39%.

Xehed ukoll PS 1374 Edgar Dalli, espert tal-impronti digitali, li kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fil-process verbal.[12] Skont din ir-relazzjoni, l-istess espert inghata *envelope* li kien jikkontjeni borza tal-plastik issigillata, bil-kliem *Police Evidence Bag* stampat fuqha. Fuq din il-borza hemm miktub fost kliem iehor: Bott kontenenti diversi oggetti suspettata droga u oggetti relatati; 20-01-2006; Speedboat no S8619 at Triq il-Qadi Zejtun, PS 36 Sergio Azzopardi; 06 AFU 201, 201 A-E; FS 060151. L-espert imbaghad jaghmel elenku ta' dak li kien hemm fil-borza ossia bott bil-kliem 'Regilait' li kien fih zewg pakketti tal-libretti Rizla, bott zghir tal-plastik iswed li kien fih zewg bicciet sustanza kannella, borza tal-plastik trasparenti li kien fiha bicciet ta' *foil* u sustanza kannella, borza tal-plastik trasparenti li kien fiha bicca foil u sustanza kannella u borza tal-plastik li kienet tikkontjeni 62 borza zghira b'faxx hamrani. Skont l-istess relazzjoni, gew zviluppati 23 impronti fuq hmistax mill-boroz iz-zghar u zewg impronti fuq il-bott il-kbir. Dawn l-impronta gew iffotografati u r-ritratti relattivi jinsabu esebiti fl-istess relazzjoni.

L-espert Joseph Mallia gie mahtur f'dawn il-proceduri sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronta digitali elevati minn PS 1374 u l-impronta digitali tal-imputat odjern (kif ukoll ta' Silvio Galea, imputat fi proceduri separati). Skont ir-relazzjoni tieghu[13], wara li eleva l-impronti digitali u l-marki tal-idejn tal-imputat odjern u dawk ta' Silvio Galea (ID 166476(M)), huwa kkonkluda illi:

1. L-impronti dokumenti 06 AFU SG 1, 06 AFU SG 4, 06 AFU SG 7 u 06 AFU SG 8, ritratti li juru impronti digitali zviluppati permezz tal-kimika, huma neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u l-impronti digitali u l-marka tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern u ta' Silvio Galea.

Il-Qorti tinnota illi mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli u esebiti a fol. 27 tal-process verbal, jirrizulta illi dawn l-impronti gew zviluppati minn fuq il-boroz zghar tal-plastik (li minnhom b'kollox kien hemm 62) elevati

[12] Din tinsab esebita a fol. 25 sa 32 tal-process verbal. Ix-xhieda ta' PS 1374 Edgar Dalli tinsab a fol. 27 sa 28 tal-process u a fol. 31 u 32 tal-process.
[13] Din tinsab esebita a fol. 46 tal-process.

f'dan il-kaz u li kif jidher mir-ritratti mehuda minn PS 86 Kristian Mintoff, kienu jinsabu fil-bott bil-kelma 'Regilait' flimkien ma' diversi oggetti ohrajn.

2. Illi d-dokument 06 AFU SG 2, 06 AFU SG 3, 06 AFU SG 5, 06 AFU SG 6, 06 AFU SG 9, 06 AFU SG 10, 06 AFU SG 11, 06 AFU SG 12, 06 AFU SG 13, 06 AFU SG 14, 06 AFU SG 15, 06 AFU SG 16, 06 AFU SG 17, 06 AFU SG 18, 06 AFU SG 19, 06 AFU SG 20, 06 AFU SG 21, 06 AFU SG 22, 06 AFU SG 23, 06 AFU SG 24 u 06 AFU SG 25, ritratti li juru impronti digitali zviluppati permezz tal-kimika, gew ikkomparati mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern u ta' Silvio Galea, bir-rizultat fin-negattiv.

Il-Qorti tinnota illi mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli u esebiti a fol. 27 tal-process verbal, dawn l-impronti gew zviluppati, in kwantu ghall-ahhar tnejn minn fuq l-ghatu tal-bott bil-kelma 'Regilait' u in kwantu ghall-bqija minn fuq il-boroz zghar tal-plastik (li minnhom b'kollox kien hemm 62) u li kif jidher mir-ritratti mehuda minn PS 86 Kristian Mintoff, kienu jinsabu fl-imsemmi bott flimkien ma' diversi oggetti ohrajn.

Xehed ukoll Clayton Azzopardi, li kkonferma li kien gie investigat mill-Ispettur Nadia Lanzon f'Jannar 2006, meta kien gie mwaqqaf mill-pulizija fiz-Zejtun. Jghid illi l-pulizija kienu sabulu raza tal-*cannabis* u li dakinhar huwa kien qieghed ma' certu Winston.  Jghid illi kien ilu ma' dan Winston minn filghodu, li mar mieghu z-Zejtun u mbaghad, waqqfuh il-pulizija u sabulu bicca raza tal-*cannabis*. Jghid ukoll illi ghall-ewwel huwa kien qal lill-pulizija illi r-raza kien gabha minghand Twanny, li huwa ndikah bhala l-imputat odjern, izda l-ghada kien biddel l-istqarrija tieghu ghaliex ma kienx minnu li gabha minghandu, u qal lill-pulizija illi kien gabha minghand Gharbi minn Birzebbugia.  Jghid illi l-verita` kienet dik li qal fit-tieni stqarrija.  Rega' kkonferma li l-ewwel verzjoni li huwa kien ta lill-pulizija kienet li kien gab ir-raza minghand l-imputat, izda din ma kinitx il-verita`. In kontro-ezami, jghid illi minghand l-imputat ma xtara xejn.[14]

Xehed PC 1013 Raymond Debono li qal illi fl-20 ta' Jannar 2006, huwa ha struzzjonijiet minghand l-ex Spettur Nadia Lanzon biex imorru gewwa Triq il-Qadi, iz-Zejtun u hemmhekk jiehdu struzzjonijiet minghand PS 1355.  L-istess PS 1355 tahom struzzjonijiet sabiex imorru lejn *Brooklyn Bar* u hemmhekk huwa ghamel tfittxijiet fuq xi zghazagh, liema tfittxijiet irrizultaw fin-negattiv.  Jghid ukoll illi madankollu, huwa nizzel zewg zghazagh ossia lil Clayton Azzopardi u lil

[14] A fol. 56 sa 62 tal-process.

Winston Galea, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Minn hemmhekk, marru jaghmlu tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat fiz-Zejtun, fejn instabet bicca droga, suspettata raza tal-*cannabis* u xi flus kontanti. Jghid illi dawn instabu fil-kamra tas-sodda tal-imputat. Jghid illi ghadda z-zmien u lill-imputat ma jiftakrux. In kontro-ezami, meta gie ssuggerit lilu illi meta huwa ghamel it-tfittxija nstabu sustanzi forma ta' pilloli, huwa wiegeb illi meta wasal id-dar, it-tfittxija kienet diga` bdiet ghaliex huwa wasal wara. Jghid illi kien ghadda hafna zmien minn din it-tfittxija, anke seba' snin u li ma jiftakarx jekk instabux xi sustanzi forom ta' pilloli. Jghid illi fil-*prime note* tieghu kellu mnizzel li kienu nstabu xi bicca raza u xi flus kontanti u li ma jiftakarx jekk dawn instabux x'hin wasal hu jew instabux qabel. In ri-ezami, ix-xhud jghid illi huwa personalment ma kien sab xejn u li dan kien dak li sema' dak il-hin.[15]

Xehed ukoll PC 349 John Farrugia li esebixxa l-istqarrija tal-imputat odjern, rilaxxjata minnu fit-22 ta' Jannar 2006.[16]

PC 351 Joseph Borg xehed illi fl-20 ta' Jannar 2006 kellhom struzzjonijiet sabiex jaghmlu osservazzjoni fuq dar fi Triq il-Qadi, Zejtun. Jghid illi PS 1355 kien tahom struzzjonijiet sabiex jaghmlu tfittxija f'dghajsa li kienet tinsab f'ghalqa zghira faccata tad-dar. Jghid illi saret tfittxija fil-presenza ta' Antoine Galea u kien gie elevat xi bott tal-*iskimmed milk* li kien fih sustanza suspettata droga, ghalkemm ma kienx hu li eleva dan l-oggett. Mistoqsi jekk jarafx lill-imputat, huwa jghid illi ghadda z-zmien u ma jiftakarx.[17]

Xehed ukoll PS 1220 Chris Baldacchino li jghid illi fl-20 ta' Jannar 2006, PS 1355 Cleon Purshouse kien qed jaghmel osservazzjoni fuq dar gewwa Triq il-Qadi, Zejtun, fuq l-imputat odjern. Jghid illi l-imputat hareg mid-dar u li l-kollegi tieghu kienu waqqfuh. Jghid ukoll illi izjed tard, PS 1355 kien qalilhom illi kien ra lil xi hadd diehel jigri fir-residenza, hareg, deher li kellu xi haga mohbija taht il-flokk u dahal fil-plot faccata tad-dar. Skont ix-xhud, wara rrizulta li dan kien Silvio. Jghid ukoll illi kienu hadu lill-imputat fuq il-post, ghaliex kien gie arrestat mill-kollegi tieghu u fil-plot sabu dghajsa abbandunata. Minn tfittxija f'din id-dghajsa, instab bott tal-halib bl-isem 'Regilait', li fih kien hemm diversi sustanzi suspettati raza tal-*cannabis.* In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi huwa ma vverifikax ta' min kienet din id-dghajsa.[18]

---

[15] A fol. 71 sa 74 tal-process.
[16] Esebita a fol. 77 sa 80 tal-process.
[17] A fol. 86 u 87 tal-process.
[18] A fol. 88 sa 90 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija dwar din il-vicenda nhar it-22 ta' Frar 2006 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghall-jedd tal-ghajnuna legali lill-persuna arrestata qabel jirrilaxxja l-istqarrija tieghu. Dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*"….*

*"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant*

*did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Camilleri</u>**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **<u>Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine</u>**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt*

*huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[19] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[20] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-

[19] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[20] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

In oltre fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2016, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), wara li ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Borg vs Malta**, fuq citata, qalet hekk:

"*8. Following this judgement, our Constitutional Court has once again considered the issue on a number of occasions.*[21] *In* ***Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali*** *decided by the Constitutional Court on the 16th May 2016, that Court stated:*

"*17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech*[22] *fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur*

---

[21] Hawnhekk il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti: Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali, 16 ta' Mejju 2016; Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali, 30 ta' Mejju 2016; Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et, 24 ta' Gunju 2016; Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et, 11 ta' Lulju 2016.
[22] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

*ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."*

*9. It is clear from this judgement that while in **Borg vs Malta** criminal proceedings had been concluded, in **Saliba** the Constitutional Court decided that the accused's statement should be expunged.*

*10. In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*11. In **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in **Borg vs Malta**, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' <u>Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali</u> u sentenzi oħra li ġew*

*wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*"9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

*12. Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

*13. While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

A bazi tas-sentenzi fuq citati ghalhekk, fil-kaz odjern, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu u b'mod partikolari ghaliex tqis ukoll illi ghamel dikjarazzjonijiet, fl-istess stqarrija, illi fic-cirkostanzi tal-kaz, jistghu jkunu ta' pregudizzju ghalih, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrija bhala prova ammissibbli u qeghda tiskartaha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz <u>tal-ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis.*

F'dan il-kaz, jirrizulta illi l-investigazzjoni in kwistjoni bdiet permezz ta' osservazzjoni fuq residenza gewwa Triq il-Qadi, Zejtun nhar l-20 ta' Jannar 2006.

Ghalkemm kif inghad izjed 'il fuq, il-process verbal tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz u r-rapport tal-ex Spettur Nadia Lanzon fl-istess process verbal jirreferu

ghad-data tal-21 ta' Jannar 2006 bhala d-data tas-sejba tad-droga gewwa d-dghajsa msemmija, huwa evidenti mill-atti illi s-sejba sehhet fl-20 ta' Jannar 2006 u mhux fil-21 ta' Jannar 2006. Apparti li x-xhieda kollha jirreferu ghall-20 ta' Jannar 2006 bhala d-data li fiha sehh il-kaz, mir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, jirrizulta wkoll illi huwa nghata s-sustanza in kwistjoni ghall-analizi tieghu minn PS 36 Sergio Azzopardi proprju fl-20 ta' Jannar 2006 u ghalhekk ma jistax ikun illi s-sejba sehhet l-ghada.

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi PS 1355 Cleon Purshouse osserva lill-imputat hiereg mir-residenza in kwistjoni u telaq b'vettura misjuqa minnu. Minn hemm, dan ix-xhud ma setax jara fejn mar l-imputat u ghalhekk ta struzzjonijiet lill-kollegi tieghu sabiex ifittxuh. Ghalkemm dan ix-xhud jghid illi huwa gie nfurmat mill-kollegi tieghu, li l-imputat kien gie arrestat gewwa l-Brooklyn Bar, huwa ma kienx prezenti f'dan il-waqt u ghalhekk ma setax jghid x'kien sehh hemmhekk. Effettivament l-ebda Ufficjal tal-Pulizija li kien prezenti ghal dan l-arrest ma ttella' bhala xhud mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed dwar fejn kien gie arrestat l-imputat u x'wassal ghal dan l-arrest, jew ahjar, hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li seta' kien prezenti ghal dan l-arrest ma jirreferi ghal u jispjega dan il-fatt. L-uniku hjiel li jirrizulta mill-atti dwar din il-parti tal-investigazzjoni huwa r-rapport tal-ex Spettur Nadia Lanzon (a fol. 16 sa 19 tal-process), li madankollu lanqas ma kienet prezenti waqt dan l-arrest, apparti li dak li tghid hi fir-rapport taghha dwar x'sehh u x'wassal ghall-mument proprju tal-arrest tal-imputat, lanqas ma gie ikkonfermat minn min kien prezenti. PC 1013 Raymond Debono jghid biss illi meta marru *Brooklyn Bar* saru xi tfittxijiet fuq xi zghazagh, li rrizultaw fin-negattiv u mbaghad isemmi biss lil Clayton Azzopardi u lil Winston Galea bhala z-zewg persuni li huwa akkumpanja gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Anke PS 1220 Chris Baldacchino jghid illi l-imputat kien gie arrestat mill-kollegi tieghu, izda ma jghidx x'kienu c-cirkostanzi tal-arrest u lanqas ma jidher li kien prezenti f'dak il-mument.

Fi kwalunkwe kaz, jidher illi l-imputat gie akkuzat bit-traffikar tar-raza tal-*cannabis* a bazi ta' dak li qal lill-pulizija Clayton Azzopardi, fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu dakinhar tal-arrest tieghu. Altrimenti ma tirrizulta l-ebda prova mill-atti li tista' turi li dakinhar tal-20 ta' Jannar 2006 u fix-xhur ta' qabel, l-imputat traffika r-raza tal-*cannabis.* Fix-xhieda tieghu u b'referenza ghall-incident fejn huwa gie mwaqqaf mill-pulizija gewwa z-Zejtun fl-20 ta' Jannar 2006, waqt li kien fil-kumpanija ta' Winston Galea, l-istess Clayton Azzopardi jghid illi dakinhar il-pulizija sabulu bicca raza tal-*cannabis.*

Issa mix-xhieda ta' Azzopardi, jirrizulta wkoll illi ghalkemm fl-ewwel stqarrija tieghu lill-pulizija huwa kien qal illi dik ir-raza kien gabha minghand l-imputat odjern, jghid ukoll illi l-ghada huwa biddel din l-istqarrija u qal illi dan ma kienx minnu, ghaliex dik ir-raza kien gabha minghand xi Gharbi gewwa Birzebbugia. Jghid illi l-verita` kienet din tal-ahhar u mhux illi huwa xtara r-raza minghand l-imputat u li minghand l-imputat huwa ma xtara xejn. Issa dwar dan il-Qorti tibda biex tghid illi ghalkemm fix-xhieda taghha, l-ex Spettur Nadia Lanzon tghid illi xi xi persuni kkonfermaw li xtraw id-droga minghand l-imputat u hadu l-istqarrija taghhom bil-gurament, mill-atti dan ma jirrizultax, fis-sens illi jekk giet ikkonfermatha xi stqarrija bil-gurament f'dan is-sens, din ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni. Fir-rapport tal-istess ex Spettur Lanzon, imbaghad, hemm ukoll indikat illi Clayton Azzopardi kkonferma t-tieni stqarrija tieghu – ossia dik li fiha jghid illi r-raza ma kienx xtraha minghand l-imputat, izda minghand Gharbi – bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, izda lanqas din ma tinsab esebita fl-atti. Mela zgur illi kull ma jirrizulta mill-atti fir-rigward tal-imputat, huwa illi fl-ewwel stqarrija tieghu lill-pulizija, Azzopardi kien stqarr illi r-raza tal-*cannabis* kien xtraha minghand l-imputat, liema stqarrija biddilha l-ghada stess, fil-waqt li indika terza persuna u fix-xhieda tieghu, jghid illi din ma kinitx il-verita`. Ghalhekk fil-waqt li jikkonferma li kien qal dak id-diskors, huwa jinnega l-veracita` tieghu. Huwa car illi fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tistrih fuq l-ewwel stqarrija li kien ghamel Azzopardi u li permezz taghha huwa indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minghandha kien xtara r-raza tal-*cannabis* ghaliex minkejja li fix-xhieda tieghu, huwa jikkonferma li kien qal hekk, biss fl-istess waqt, huwa jinnega li dan kien minnu.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*"

F'dan il-kaz, ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha temmen dak li qal ix-xhud Azzopardi fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu lill-

pulizija u mhux dak li qal fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tistax tissostitwixxi din ix-xhieda b'dak li qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata li, ghall-kuntrarju ta' stqarrija guramentata ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandha l-ebda valur probatorju fil-konfront ta' terza persuna. Ghalkemm fix-xhieda tieghu, Azzopardi jikkonferma li kien qal dan id-diskors fl-ewwel stqarrija, biss dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi fl-istess xhieda huwa jichad li dan kien minnu. Ghalhekk irrispettivament minn jekk din il-Qorti temminx jew le lil Azzopardi fix-xhieda tieghu, certament illi din ix-xhieda ma tistax legalment twassal ghall-konkluzjoni li fil-jum jew fil-perjodu in kwistjoni, Azzopardi kien xtara r-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat odjern. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma tellghet bhala xhud lil Winston Galea, li fil-mumenti ta' qabel l-arrest u waqt l-arrest kien fil-kumpanija ta' Clayton Azzopardi.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat imbaghad gie akkuzat bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis.*

F'dan ir-rigward jirrizulta mill-provi prodotti illi f'dghajsa, li kienet tinsab f'ghalqa zghira faccata tar-residenza li fuqha kienet qeghda ssir l-osservazzjoni, instab bott tal-halib li kien jikkontjeni diversi bicciet ta' sustanza kannella, li skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, kienu raza tal-*cannabis.* Ukoll skont il-provi prodotti, jirrizulta illi dak li wassal lill-pulizija sabiex jaghmlu tfittxija f'din id-dghajsa kien il-fatt illi skont PS 1355 Cleon Purshouse, li kien qieghed josserva r-residenza fi Triq il-Qadi, Zejtun, wara li gie infurmat mill-kollegi tieghu illi l-imputat kien gie arrestat, huwa osserva guvni u tfajla jigru lejn din id-dar, jidhlu u jergghu johorgu, it-tfajla b'borza bajda tal-plastik f'idejha u l-guvni kien bhal qed izomm xi haga fil-gakketta. Jghid ukoll ix-xhud illi ghalkemm ra lil dawn iz-zewg persuni jaqsmu t-triq u seta' jara wkoll f'liema direzzjoni marru, biss mill-posizzjoni li kien qieghed fiha ma setax jarahom izjed. Kien ghalhekk illi huwa ta struzzjonijiet lill-kollegi tieghu biex jaqsmu t-triq u jmorru fid-direzzjoni li fiha kienu marru dawn iz-zewg persuni u konsegwentement saret it-tfittxija fid-dghajsa in kwistjoni.

F'dawn il-proceduri gie esebit ukoll *DVD* li jikkontjeni filmat tal-osservazzjoni li saret fuq din ir-residenza. Ghalkemm fl-atti ta' din il-kawza ma giex ikkonfermat mix-xhud PS 1355 Cleon Purshouse jew minn haddiehor li huwa gibed dan il-filmat, biss l-istess filmat jindika d-data tal-jum in kwistjoni u anke l-hinijiet li fihom ingibed l-istess filmat u in oltre mir-ritratti esebiti fl-atti, jidher car illi r-

residenza li tidher fil-filmat hija proprju l-istess residenza involuta f'din l-investigazzjoni. Wara li l-Qorti rat hija stess dan il-filmat, tinnota illi fih jidher dak li jghid li osserva x-xhud PS 1355 Cleon Purshouse, hlief ghal xi inezattezzi zghar u dan fir-rigward ta' dak li huwa jghid illi osserva li ghamlu l-guvni u t-tfajla, wara li kien infurmat li l-imputat gie arrestat. Effettivament il-guvni (li m'huwiex l-imputat odjern) jidher jasal b'karozza sewda u jidhol mghaggel fir-residenza, filwaqt illi ftit mumenti wara tohrog tfajla b'basket tal-plastik abjad u din tibqa' sejra fuq l-istess bankina u mbaghad tidher tidhol lura fid-dar. Ftit wara jidher il-guvni hiereg mid-dar, jaqsam it-triq b'girja fil-waqt illi f'mument izomm il-gakketta bil-mod indikat minn PS 1355 u minuta jew tnejn wara, jerga' jidher gej lura u jidhol fl-istess dar. Fil-frattemp, tidher ukoll taqsam it-triq, fl-istess direzzjoni, tfajla ohra li terga' lura lejn id-dar ftit mumenti qabel ma jasal il-guvni. Nies ohrajn johorgu mid-dar u jharsu fid-direzzjoni li fiha mar il-guvni.

Mir-ritratti prodotti (ara r-ritratt immarkat bhala 06 AFU 107) jidher illi d-dghajsa in kwistjoni kienet tinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq li fiha tinsab id-dar in kwistjoni, kif jixhdu wkoll PS 1220 Chris Baldacchino u PC 351 Joseph Borg, u proprju fid-direzzjoni li lejha gera dan il-guvni bil-mod deskritt minn PS 1355 Cleon Purshouse.

Ghalkemm fix-xhieda taghha, l-ex Spettur Nadia Lanzon tghid illi rrizulta illi d-dghajsa in kwistjoni kienet tal-familja tal-imputat, biss skartata l-istqarrija tal-imputat, mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova f'dan is-sens. Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza madankollu tghid illi m'hijiex tikkontesta illi d-dghajsa "*hija taghna*". Effettivament hawnhekk l-abbli avukat difensur kien qieghed jaghmel it-trattazzjoni tieghu kemm f'din il-kawza, kif ukoll b'referenza ghall-kawza ohra separata u li mxiet kontestwalment, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Silvio Galea'. Ghal min kienet qeghda tirreferi d-difiza ezattament u cioe` jekk hux ghal imputat wiehed jew iehor jew ghat-tnejn, din il-Qorti ma tafx. Biss fi kwalunkwe kaz, tista' l-Qorti tasal sal-konvinciment morali illi dik id-droga li nstabet fid-dghajsa kienet tappartjeni lill-imputat odjern jew li kienet f'xi hin fil-pussess tieghu?

F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax hlief tqis illi dak li osserva PS 1355 Cleon Purshouse ossia l-guvni li dahal fir-residenza b'dik il-heffa kollha u li bl-istess heffa qasam it-triq, fil-waqt illi kien bhal qed izomm xi haga taht il-gakketta tieghu u dan ftit tal-hin wara li l-istess PS 1355 kien ghadu kif gie infurmat mill-kollegi tieghu li kienu arrestaw lill-imputat odjern, li hin qabel gie osservat hiereg mill-istess residenza minn PS 1355, iqajjem suspett kbir.

Biss mill-banda l-ohra, fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda prova, fil-grad rikjest mil-ligi, li torbot id-droga misjuba fid-dghajsa mal-imputat odjern. Jibda biex jinghad illi ghalkemm id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha tghid illi l-filmat juri lill-imputati – u hawn b'referenza ghall-imputat odjern u ghal Silvio Galea, imputat fi proceduri separati - jiffrekwentaw din id-dghajsa f'okkazzjonijiet differenti, dan fil-fatt ma jirrizultax mill-filmat esebit fl-atti, li huwa limitat ghall-osservazzjoni li sehhet fl-20 ta' Jannar 2006. Mhux biss, izda hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jghid illi dan kien il-kaz. In oltre mill-konkluzjonijiet tal-espert Joseph Mallia jirrizulta illi l-ebda wahda mill-impronti digitali elevati minn fuq il-bott tal-halib li nstab fl-istess dghajsa u li kien jikkontjeni d-droga, kif ukoll mill-impronti digitali elevati minn fuq il-boroz tal-plastik fl-istess bott, ma kienu jaqblu mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern u dan minkejja li diversi impronti digitali – wiehed u ghoxrin b'kollox – kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u effettivament gew komparati. Ghalhekk anke jekk il-Qorti tqis illi l-imputat kellu xi konnessjoni ma' din id-dghajsa, kif tikkoncedi d-difiza u illi din kienet tinsab ftit metri l-boghod mid-dar li minnha gie osservat hiereg l-imputat, biss ma tistax tasal ghall-konkluzjoni, sal-grad rikjest mil-ligi, illi d-droga misjuba fl-istess dghajsa kienet tappartjeni lilu jew inkella li huwa kellu l-pussess tal-istess. Il-Qorti tinnota wkoll illi din id-dghajsa kienet tinsab barra fit-triq u kienet ghalhekk esposta.

Irid jinghad ukoll illi ghalkemm gie esebit *mobile phone* mis-Supretendent Norbert Ciappara, il-Prosekuzzjoni ma talbitx li jinhatar espert sabiex dan il-*mobile* jigi ezaminat, apparti li hadd mix-xhieda ma xehed jew ikkonferma dwar fejn instab dan il-*mobile.* In oltre ghalkemm PC 1013 Raymond Debono jghid illi kienu nstabu sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u xi flus kontanti fil-kamra tas-sodda tal-imputat, huwa jghid illi ma kienx hu li sab dawn l-oggetti u dan kien dak li kien intqal lilu minn haddiehor. Lanqas ftakar jekk dawn instabux fil-presenza tieghu jew qabel il-wasla tieghu fir-residenza u hadd izjed mill-Ufficjali tal-Pulizija li setghu kienu prezenti, ma xehed dwar din is-sejba. In oltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss instabet xi sustanza gewwa r-residenza, ma jirrizultax mill-atti illi din giet analizzata, ghaliex l-analizi tal-Ispizjar Mario Mifsud jidher li kienet limitata ghas-sustanzi li nstabu fil-bott tal-halib li, kif inghad, instab fid-dghajsa.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fost l-esebiti li gew ipprezentati f'din il-kawza mis-Supretendent Norbert Ciappara, hemm ukoll karti b'xi notamenti fuqhom ta' laqmijiet, ismijiet, varji numri u anke l-kelma 'dejn', bl-isem 'Twany' f'diversi partijiet ta' dawn in-notamenti. Mit-*tag* annessa ma' dan l-esebit, hemm ukoll indikat li dawn instabu fil-vettura FAI 057 Peugeot fil-presenza tal-imputat minn

PC 351 J. Borg. Anke dwar dan, il-Qorti tosserva li ghalkemm dawn in-notamenti huma ferm indikattivi ta' traffikar u bejgh ta' droga, biss anke f'dan ir-rigward PC 351 J. Borg li skont it-*tag*, suppost eleva dawn in-notamenti, ma xehed bl-ebda mod f'dan ir-rigward. Effettivament li kieku l-Qorti ma ratx hija stess dawn l-esebiti, hadd mix-xhieda prodotti ma jaghti hjiel dwar din is-sejba, lanqas l-ex Spettur Nadia Lanzon fir-rapport taghha.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi lanqas it-tieni imputazzjoni ma tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, kif lanqas ma jirrizulta ppruvat fl-istess grad illi l-imputat huwa hati tal-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, reat li jista' jkun kompriz u nvolut fit-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tornda r-rilaxx tal-*mobile phone* u tal-flus kontanti formanti parti minn Dokument NC favur Antoine Galea.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti u tar-rimanenti oggetti formanti parti minn Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat